MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 268/2009/1

**Domenico u Mary Rose konjugi Vigna**

**v.**

**David Paris**

**Il-Qorti:**

Rat li dawn il-proceduri gew istitwiti mir-rikorrenti fis-26 ta' Ottubru 2009, wara s-sentenza li tat din il-Qorti fit-3 ta' Novembru, 2006, f'kawza fl-ismijiet bhal dawk odjerni;

Fil-parti dispozittivi tas-sentenza inghad testwalment hekk: "Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata hlief ghal dik

il-parti fejn ikkundannat lill-konvenut ihallas penali ta' ghaxar liri ghal kull jum ta' dewmien fl-esekuzzjoni, u minflok din il-penali din il-Qorti tipprovdi li jekk il-konvenut ma jroddx lura l-oggetti, jew xi whud minnhom, fiz-zmien prefiss, il-parti interessata cioe` l-atturi, jistghu jadixxu permezz ta' rikors lil din il-Qorti li, wara li tisma' sommarjament lill-partijiet, tiddetermina l-valur tal-oggetti li ghandu jithallas lill-istess atturi; bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenut; u tordna li t-terminu ta' xahar ghar-radd tal-oggetti msemmija fis-sentenza appellata jibda jiddekorri millum."

Jidher li, nonostante dik is-sentenza, l-intimat ma rritornax l-oggetti meritu ta' dawk il-proceduri, u r-rikorrenti, allura, ressqu dan ir-rikors fejn talbu lil din il-Qorti tiddetermina l-valur tal-oggetti li l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrent, u dan ai termini tal-istess sentenza;

Ghal dan l-ezercizzju din il-Qorti semghet lir-rikorrenti Mary Rose Vigna, u rat l-atti tal-kawza (citazzjoni numru 2269/96) deciza bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Novembru, 2006; l-intimat ma deherx ghas-seduta li ghaliha kien imsejjah biex jidher ghas-smiegh ta' dan ir-rikors; din il-Qorti semghet, pero`, dak li kellhom xi jghidu d-difensuri taz-zewg partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-oggetti in kwistjoni, li l-intimat kellu jirritorna lir-rikorrenti, huma erbgha:  (i) kurcifiss fin-nicca antik hafna; (ii) mera;  (iii) bicca ghodda li taghmel il-kamini, imsejjha mastra; u (iv) antiporta.  L-intimat inghata dawn l-oggetti biex jipprova jbieghhom u, fil-kaz tal-antiporta, biex jirrangha, izda ma rritornahomx lill-atturi rikorrenti, lanqas wara s-sentenza ta' din il-Qorti aktar qabel imsemmija.  Ir-rikorrenti Mary Rose Vigna kkonfermat li l-antiporta kienet tiswa circa Lm150, waqt li ghal tlett oggetti l-ohra, li riedet tbiegh, qalet li kienet talbet Lm450, bejn Lm60 u Lm80, u aktar minn Lm30, rispettivament.  Dawn il-prezzijiet, pero`, kienu dawk applikabbli fiz-zmien li gew konsenjati lil David Paris, ghall-habta tal-1992-1993, u r-rikorrenti tghid li l-oggetti llum jiswew aktar, specjalment il-kurcifiss l-antik.

Din il-Qorti ma tistax tistma dawn l-oggetti ghax m'humiex disponibbli. Tghid, pero`, li fil-waqt li hu minnu li l-valur tal-kurcifiss fin-nicca jista' jizdied maz-zmien (skond il-kundizzjoni tieghu), mhux l-istess jista' jinghad ghat-tlett bicciet l-ohra li ma jidhirx li ghandhom xi valur partikolari; anzi, bhala oggetti qodma (a differenza minn antiki) mhux probabbli li jgibu wisq flus. Ghalhekk, din il-Qorti, fil-waqt li sejra izzid il-valur tal-kurcifiss b'Lm50, sejra zzomm il-valuri l-ohra kif indikati mir-rikorrenti minghajr awment.

B'kollox ghalhekk, l-intimat irid ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' Lm750, ossija elf seba' mija u sebgha u erbghin euro (€1,747).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors ta' Domenico u Mary Rose konjugi Vigna billi tilqa' l-istess, u tikkundanna lill-intimat David Paris sabiex, fit-terminu tas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza citazzjoni numru 2269/96 deciza fit-3 ta' Novembru, 2006, ihallas lill-imsemmija rikorrenti s-somma ta' elf seba' mija u sebgha u erbghin euro (€1,747), bl-imghax legali mil-lum (peress li r-rikorrenti ma tawx spjegazzjoni ghala damu kwazi tlett (3) snin jistennew qabel ma ressqu r-rikors) sal-pagament effettiv.

L-ispejjez relatati ma' dan l-incident ghandhom jithallsu kollha mill-intimat konvenut David Paris.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------